# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

PAPA PAWLU III

Alessandro twieled gewwa Canino fid-29 ta' Frar 1468 mill-familja nobbli Farnese, iben Pierluigi



Farnese u Giovanella Caetani. Zoghzitu ghexha fil-qorti fjorentina ta' Lorenzo il-Manifiku u kien ihobb ix-xalar, divertiment u



kacca. Imma jum wiehed ha decizzjoni li jibdel ir-rotta ta' hajtu u jinghata kompletament ghall-kawza ta' Kristu. Huwa ghadda minn grad ghal iehor fi hdan il-knisja kattolika, grazzi ghal-edukazzjoni u kultura tieghu u ghall-protezzjoni li kien igawdi minn Alessandru VI u Klement VII. Kien midhla sewwa

tal-qorti papali ghax kien jahdem bhala nutar u tezorier generali u f' Settembru 1493 gie elevat ghall-grad ta' kardinal - djaknu.

Kienu afdati f'idejh diversi djocesijiet sakemm fl-ahhar fit-13 ta' Ottubru tas-sena 1534 huwa gie elett papa, successur ta' San Pietru . Ir-Rumani laqghu l-ghazla tieghu b'ferh kbir u tama. Ruma kienet feruta b'hafna inkwiet u hsarat minhabba l-politika zbaljata ta' Klement VII u ghaldaqstant il-kardinali bi ftehim komuni ghazlu kandidat ruman, minn nisel ta' familja renomata li kellha gheruqha gewwa Ruma u ghas-servizz tal-Papat, biex jitla' fuq it-tron ta' Pietru. Mal-hatra tieghu huwa ghazel l-isem ta' Pawlu III u beda’ jahdem.

Ma' wiccu sab Ewropa mkissra u maqsuma fi gwerrer; id-dinja kattolika kienet imhabbta bi glied inutli bejn il-kattolici u l-protestanti, u bir-rivalita' bejn Karlu V u Frangisku I ta' Franza. U biex tkompli tkabbar il-problema kien hemm il-periklu tat-torok li barra li nvadew l-Ungerija, kienu qed ikunu ta' minaccja ghad-dominju ta' Karlu V. Waqt li l-imperatur hejja spedizzjoni kontra l-ghadu tieghu, huwa kellu c-cans li jitkellem ma Pawlu III fi triqtu lejn l-Afrika. Kienet is-sena 1545 meta Karlu V irnexxilu jiffirma ftehim ta' paci ma' Suleiman u b'hekk seta' jiggarantixxi sliem fuq in-naha orjentali ta' l-imperu tieghu.

Ftit xhur wara l-elezzjoni tieghu, Pawlu III sab li l-protestanizmu kien qed jinfirex ukoll gewwa l-Ingilterra. Infatti fit-3 ta' Novembru 1534 l-Parliament Ingliz ivvota l-Att tas-supremazija fejn l-ubbidjenza tal-fidili kellu tkun il-lealta' lejn ir-re, uniku kap suprem tal-Knisja ta' l-Ingilterra u b'hekk ir-re rcieva s-setgha u l-poter spiritwali li sa issa kien ezercitat mill-papa biss. Kull min jirrifjuta li jaghraf dan il-fatt kien traditur u kellu jinghata mewt krudila. Ix-xizma ingliza kienet issa fatt kompjut. Hafna kienu dawk li accettaw dan l-istat ta' fatt imma kien hemm ohrajn li rrifjutaw. L-aktar li baqghu jissemmew ghar-rifjut taghhom li jaghrfu s-setgha tar-re bhala l-kap tal-knisja kienu John Fisher ta' Rochester li l-Papa Pawlu III innomina kardinal waqt li dan kien prugunier, u lil maghruf umanista Thomas More. It-tnejn qatghulhom rashom. Fis-sena 1538 Pawlu III ippublika l-bolla, li kienet ilha lesta sa minn tlett snin, fejn fiha skomunika lir-re Neriku, u ddikjarah bla saltna u hall lis-sudditi tieghu mill-gurament ta' fedelta', imma dan ftit kellu effett.

Pawlu III kien il-protagonista tal-koncilju ta' Trentu. Fil-koncilju gew defeniti diversi temi ta' taghlim tal-knisja kattolika, fosthom fuq l-Iskrittura u t-Tradizzjoni, id-Dnub Originali, il-Gustifikazzjoni, is-Sagramenti, l-Ewkaristija fil-

Quddiesa u l-qima lejn il-qaddisin. B'hekk il-koncilju kien qed jindirizza u jwiegeb id-disputi tal-protestanti. Il-koncilju ta' Trentu kien interrott bosta drabi minhabba in-nuqqas ta' ftehim kemm religjuz kif ukoll politiku. Ta’ min issemmi hawn li kellu jkun aktar minn 300 sena wara sakemm koncilju iehor ekumeniku, it-tieni koncilju ekumeniku tal-Vatikan jigi imsejjah mill-papa Giovanni XXIII.

Meta kellu quddiem ghajnejh din is-sitwazzjoni Pawlu III sejjah madwaru xi nies ghorrief u ta' kalibru morali u beda’ biex ihejji riformi fi hdan il-knisja: organizza il-kamra appostolika, is-sagra rota, il-kancellerija u l-penitenzerija. Waqqaf kummissjoni maghmulha mill-kardinali biex ihejji riforma ghall-kostumi tal-kleru.

Fis-27 ta' Settembru 1540, Pawlu approva s-Socjeta' ta' Gesu', il-Gizwiti u fi zmienu Injazju u s-segwaci tieghu kienu qed ixerrdu l-kelma t'Alla fl-Ewropa u sahansitra waslu biex jidhlu gewwa l-Indja. Il-Papa kien jiffavorixxi lit-Teatini, Barnabiti u lil Ursulini u meta fegg l-inkwiet, bil-ghaqal tieghu kien ta' protezzjoni tar-riforma ta' l-ordni tal-Kappucini.

Fuq suggeriment tal-kardinal Carafa, il-futur Pawlu IV u Sant Injazju minn Loyola, Pawlu III organizza u rriforma l-inkwizizzjoni rumana b'regoli uniformi u precizi biex ikunu mharsa f'kull lok geografiku li fihom kienet tinsab. Bhal Papiet

ta' qablu huwa ta favuri lil familjari tieghu fejn l-aktar li spikkaw kienu l-erba' uliedu tieghu li kellu qabel ma ha l-ordni sagri. In-nepotizmu swielu hafna flus ghaliex kollox kien ghal-spejjes ta' l-istat pontificju. Dan kien ta' hsara ghar-reputazzjoni tieghu.

Pawlu III ipprojbixxa l-iskjavitu ta' l-Indjani. Huwa wissa lir-re Frangisku I ta' Franza kontra kull krudelta' lejn dawk li kienu Protestanti u ntroduca l-Indici tal-Kotba Ipprojbiti biex izomm lura kull taghlim eretiku li seta' jfixkel lill-poplu nisrani. Kien patrun kbir ta' l-arti.

Huwa hadem hafna biex isebbah lir-Ruma b'toroq godda u progetti grandjuzi. Ftit xhur qabel ma miet huwa nieda l-ghaxar gubilew. Wara 15 il-sena ta' pontifikat Pawlu III miet gewwa Ruma fl-10 ta' Novembru 1549. Huwa jinsab midfun fil-bazilka ta' San Pietru. Irnexxilu jaghlaq fil-hin il-koncilju ta' Trentu, qabel ma gie trasferit ghal Bolonja.

Il-glorja tal-Papa Pawlu III tidher fil-fatt li wara mewtu bdiet era ohra, l-era tar-riforma ghall-knisja kattolika.